**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 13 ta' Ottubru 2016**

Rikors Nru. 250 / 15 / 2RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' A B tal-10 ta' Mejju 2016 li jaqra kif gej:-

Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali fl-ismijiet premessi liema proceduri jinsabu differiti ghall-5 ta' Lulju, 2016.

Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi mhu se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenut.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' C B tas-27 ta' Mejju 2016:-

Illi r-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali ai termini ta' l-Art 55(1) tal-Kap. 16, u ziedet tghid li mhux ser jinholoq pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenut;

Illi l-intimat joggezzjona bil-qawwa ghal dan, peress li ser jbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fil-prezent, il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet tikkonsisti fit-titolu lokatizzju ta' apartament tal-Gvern bl-indirizz Blk C, Flt 5, Triq Giananton Tanti, Tarxien, u mezzanin bl-indirizz 114, Triq il-Karmnu, Fgura, li jintuza bhala nursery tat-tfal minn A B, liema propjetajiet gew akkwistati mill-konjugi waqt iz-zwieg, u liema propjetajiet huma mhallsa, u l-partijiet m'ghandhomx dejn fuqhom.

Illi fil-prezent ir-rikorrenti tghix fl-apartament mikri minghand il-Gvern b'kirja nominali, filwaqt li l-intimat jikri post li jhallas ghalih b'rati kummercjali li fil-prezent huma salati.

Illi fil-prezent ir-rikorrenti tokkupa b'mod esklussiv il-mezzanin fejn tuzah bhala nursery ghat tfal, ossia ir-rikorrenti qed taghmel uzu minn propjeta' tal-komunjoni u tippercepixxi dhul monetarju mill-uzu ta' l-istess nursery, liema dhul huwa tal-komunjoni. Ir-rikorrenti trid li dan id-dhul naxxenti minn propjeta tal-komunjoni jitgawda esklusivament minnha - fi ftit kliem trid icahhad lill-intimat mis-sehem tieghu li ghandu minn dan il-post.

L-intimat jissottometti li huwa ikun dispost li tigi terminata l-komunjoni li kieku tali mezzanin ikun fil-pussess tieghu, anke billi l-appartament jibqa’ fil-pussess ta r-rikorrenti.

2. Illi t-tieni raguni principali li ghaliha l-intimat joggezzjona hija minhabba l-fatt li fil-prezent huwa ma jahdimx u mhux qed jithallas manteniment lilu. Il-fatt li l-uzu esklussiv kemm ta' l-apartament li tithallas kirja nominali a konfront li huwa jhallas kirja b'rata kummercjali jfisser li johrog flus minn gewwa. Konsegwentament il-fatt li r-rikorrenti qed taghmel dhul mill-uzu esklussiv li hija ghandha tal-mezzanin li tuza bhala nursery, tfisser li huwa ser jispicca jitlef is-sehem li huwa ghandu mill-akreximent ekonomiku tal-komunjoni vis id-dhul generat mill-mezzanin oltre li jitlef flus minhabba li jikri bi prezz gholi.

Tant ghandu unur jissottometti lil din l-Onorabbli Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Lulju 2016.

Rat illi r-rikors thalla ghallum ghad-decizzjoni.

Ikkunsidrat;

**Fatti Antecedenti r-Rikors**.

Il-partijiet jinsabu f'kawza ta' separazzjoni. Id-dar matrimonjali tikkonsisti f'appartament mikri minghand il-Gvern filwaqt li l-partijiet huma proprjetarji ta' immobbli li ilu zmien jintuza bhala nursery gestit mill-attrici. Il-konvenut ghandu s-sengha ta' mekkanik.

Il-konvenut qed jopponi t-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti peress li jsostni li dan ser iwassal ghal pregudizzju serju fil-konfront tieghu. Jghid illi dan il-pregudizzju jikkonsisti filli jekk il-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata huwa ma jkompliex jippartecipa fid-dhul li martu ghandha mill-attivita' li tiggestixxi fil-proprjeta' komuni.

Ikkunsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-**artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Kif rajna, l-konvenut qed joggezzjona li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti issehh f'dan l-istadju. Jsostni illi una volta l-attrici fil-prezent qed tuza esklussivament id-dar matrimonjali u qed tuza wkoll il-fond immobbli tal-komunjoni ghal nursery li fih tiggestixxi, it-terminazzjoni tal-komunjoni ser iggiblu pregudizzju serju ghaliex ser jieqaf jippartecipa fid-dhul li ghandha l-attrici mill-attivita' lavorativa taghha.

Meta l-Qorti tigi adita sabiex tiddeciedi talbiet simili jehtigilha tezamina jekk dak allegat mill-intimat jikwalifikax bhala pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-ligi.

L-oggezzjoni tal-konvenut ghat-talba tal-attrici huma dawn:-

1. Il-konvenut isostni li mhux gust illi llum il-gurnata l-attrici tabita fid-dar matrimonjali konsistenti f'appartament lokat u dan ad eskluzzjoni tal-konvenut, u fl-istess hin tuza l-uniku assi immobiljari tal-komunjoni bhala nursery gestit esklussivament mill-attrici.

Fir-rigward ta' dan l-ilment il-Qorti tirrileva illi ma hux rilevanti ghall-finijiet jekk il-Qorti ghandiex titterminat l-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju. Jirrizulta illi l-konvenut kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati wara li l-konvenut tressaq b'arrest akkuzat b'incident ta' vjolenza

domestika fil-konfront tal-attrici li sehh fis-17 ta' Ottubru 2015. Il-Qorti kienet ukoll harget ordni ta' protezzjoni kontra l-konvenut sabiex tipprotegi lill-attrici. Jirrizulta wkoll illi l-fond immobiljari li fih l-attrici tiggestigi 'nursery' ilu hekk jintuza is-snin bil-kunsens tal-konvenut. L-akkoljiment tat-talba ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod ma hi ser tippregudika lill-konvenut dwar il-pretensjonijiet tieghus sew fir-rigward tad-dar matrimonjali mizmuma b'titolu lokatizju kif ukoll fir-rigward tal-fond immobiljari komuni.

Fir-rigward tal-ilment tal-konvenut illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux ser ikun aktar jista' jippretendi li jippartecipa fid-dhul tal-attrici gestit mill-fond komuni, il-Qorti tosserva illi kull talba ghat-terminazzjoni tal-komunjoni twassal proprju ghal waqfien tal-komunjoni bil-konsegwenza li dak li jdahhal parti fiz-zwieg bil-hidma lavorativa tieghu jew taghha ma jibqax aktar komuni. Ghalhekk sew qed jghid il-konvenut illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa mhux ser ikun jista' jressaq talba sabiex jiehu sehemhu minn dak li qed taqla l-attrici. Pero' fil-fehma tal-Qorti dan ma hux "il-pregudizzju mhux proporzjonat" li l-Legislatur kellu f'mohhu meta gie promulgat l-Artiolu 55 tal-Kapitolu 16. Il-Qorti ma tistax tqis il-waqfien tal-komunjoni per se bhala pregudizzju mhux proporzjonat. Il-Qorti tosserva li fir-risposta guramentata tieghu (fol.13) il-konvenut la qed jopponi ghad-dikjazzjoni ta' separazzjoni personali u lanqas qed jopponi li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta. Ghalhekk il-Qorti mhux tqis il-waqfien tal-komunjoni fid-dhul tal-partijiet bhala pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-ligi.

Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" deciza fit-30 ta' Ottubru 2015: "………il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."

B'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2014 fil-kawza **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- "In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, loneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*." "Fil-kawza appena citata il-Qorti tat-Tieni Istanza ikkonfermat decizzjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat

bit-terminazzjoni talkomunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. L-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss ikkonfermat is-sentenza tal-Prim' Istanza izda wkoll iddikjarat li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet ser igib maghha beneficcju lill-parti li kienet qed topponi inkwantu kien ser jigi evitat li xi parti jew ohra taghmel dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

Fir-rigward tal-ilment tal-konvenut illi l-attrici qed tiggestixxi 'nursery' minn proprjeta' komuni minghajr ma qed thallas xejn lill-konvenut il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-attrici bdiet tiggestixxi 'nursery' minn fond komuni bil-kunsens tal-konvenut Il-konvenut jippretendi li jigi kkumpensat mill-attrici ta' uzu ta' fond komuni dwar liema l-konvenut ma hu qed jircevi xejn bhala dhul. Anke f'dan ir-rigward il-Qorti ma tirriskontra l-ebda element ta' pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-ligi. Bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tali pretensjoni mhux ser tigi pregudikata u ghalhekk l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ma hu ser ibati l-konvenut bl-akkoljiment tat-talba tal-attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisit.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi r-rikors tal-attrici tal-10 ta' Mejju 2016 u tiddisponi mir-risposta tal-konvenut tas-27 ta' Mejju 2016 billi prevja li tichad l-objezzjonijiet imressqa mill-konvenut, tilqa' r-rikors,

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici, wara li l-istess tghaddi in gudikat.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**